# Kard tal-Pazjent

Din il-kard fiha informazzjoni importanti dwar is-sigurtà li għandek tkun taf qabel ma tingħata Etanercept u waqt it-trattament b'Etanercept.
Jekk ma tifhimx din l-informazzjoni, jekk jogħġbok itlob spjegazzjoni mingħand it-tabib tiegħek.

- Uri din il-kard lil kull tabib involut fil-kura tiegħek.
- Ara l-fuljett ta' tagħrif ta' Etanercept għal aktar informazzjoni.
- Żomm din il-kard fuqek għal xahrejn wara l-aħħar doża ta' Etanercept, għax l-effetti sekondarji jistgħu jseħħu wara l-aħħar doża tiegħek ta' Etanercept.

## Infezzjonijiet

Etanercept jista' jżid ir-riskju li jaqbduk infezzjonijiet, li jistgħu jkunu serji.
• M'għandekx tuża Etanercept jekk għandek infezzjoni. Jekk għandek xi dubju, kellem lit-tabib tiegħek.

• Jekk tiżviluppa sintomi li jissuġġerixxu infezzjoni, bħal deni, sogħla persistenti, telf ta' piż jew letarġija, fittex l-għajnuna medika immedjatament.

• Għandu jiġi evalwat jekk għandekx tuberkulożi (TB). Itlob lit-tabib tiegħek biex jieħu nota tad-dati u r-riżultati tal-aħħar darba li ġejt skrinjat għat-TB hawn taħt:

Test:____________________________________________
Data:____________________________________________
Riżultati:__________________________________________

Test:____________________________________________
Data:____________________________________________
Riżultati:__________________________________________

Jekk jogħġbok itlob lit-tabib tiegħek iniżżel il-mediċini l-oħrajn tiegħek li jistgħu jżidu r-riskju li taqbdek infezzjoni.

______________________________ ______________________________

______________________________ ______________________________

______________________________ ______________________________

## Insuffiċjenza Konġestiva tal-Qalb

Jekk tiżviluppa sintomi li jissuġġerixxu insuffiċjenza konġestiva tal-qalb jew aggravar ta' insuffiċjenza konġestiva tal-qalb eżistenti bħal qtugħ ta' nifs, nefħa fl-għekiesi, sogħla persistenti jew għeja, fittex l-għajnuna medika immedjatament.

**Informazzjoni oħra (jekk jogħġbok imlieha):**
• Isem il-pazjent: ____________________________________________
• Isem it-tabib: ______________________________________________
• Numru tat-telefon tat-tabib: ____________________________________

**Huwa importanti li inti u t-tabib tiegħek tniżżlu l-isem tad-ditta u n-numru tal-lott tal-mediċina tiegħek.**

**Isem tad-Ditta**______________________________________________

**Numru tal-Lott:**_____________________________________________

**<u>Sejħa għar-rapportar</u>**

Ir-reazzjonijiet Avversi għall-Mediċina (effetti sekondarji) suspettati u l-iżbalji fil-medikazzjoni jistgħu jiġu rrapportati permezz tal-formola ta' rapportar tal-ADRs tal-Awtorità tal-Mediċini, li hija disponibbli online fuq http://www.medicinesauthority.gov.mt/adrportal u tista' tintbagħat bil-posta jew b'email lil:

**P:** Is-Sezzjoni tal-Farmakoviġilanza fid-Direttorat ta' Wara l-Liċenzjar, l-Awtorità tal-Mediċini,

Sir Temi Zammit Buildings, Malta Life Sciences Park, San Ġwann. SGN 3000.

**E:** postlicensing.medicinesauthority@gov.mt

Il-Professjonisti tal-Kura tas-Saħħa jistgħu wkoll jirrapportaw kwalunkwe avveniment avvers assoċjat mal-użu ta' ERELZI lil Novartis Pharma Services Inc., l-Uffiċċju Rappreżentattiv, Malta, bit-telefon fuq +356 21222872, online fuq www.report.novartis.com jew billi jibagħtu email fuq drug_safety.malta@novartis.com

Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq: Sandoz GmbH Biochemiestr. 10 A-6250 Kundl L-Awstrija

Distributur Lokali: V.J. Salomone Pharma Limited - Upper Cross Road, Marsa, MRS 1542, Malta.

Biex tikseb kopji elettroniċi ta' dan il-Materjal Edukattiv, jekk jogħġbok irreferi għas-sit elettroniku tal-Awtorità tal-Mediċini ta' Malta - http://www.medicinesauthority.gov.mt/rmm - u niżżel il-materjal meħtieġ l-aktar riċenti.

Dan il-materjal edukattiv huwa parti mill-kundizzjonijiet tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq